Laqgħa tal-Kunsill Lokali Għajnsielem

MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL

L-GHAXAR KUNSILL

SEDUTA NRU. 25 – Il-Ġimgħa 26 ta' Ġunju 2026 fis-2:30 ta' wara nofsinhar.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċju tal-Kunsill Lokali nhar il-Ġimgħa 26 ta' Ġunju 2026 fis-2:30 ta' wara nofsinhar

Preżenti :

Kevin Cauchi	Sindku
Joseph Debono	Viċi Sindku
Larry Buttiġieġ	Kunsillier
Stephen Mercieca	Kunsillier
Teddy Saliba	Kunsillier
Lucienne Haber	Segretarju Eżekuttiv

25.1 Talba

25.1.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

25.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

25.2.1 Inqraw il-Minuti u ġew ikkonfermati.

25.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija

25.3.1 Ma kien hemm ittri ta' apologija.

25.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

25.4.1 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għall-istedina li rċevejna mill-OASI għal llum, 26 ta' Ġunju sabiex nattendu għaċ-ċerimonja tal-35 anniversarju ta' impenn, irkupru, u tama fil-Fondazzjoni OASI. L-istedina saret anke minħabba ir-rwol u kampanja tal-Kunsill tagħna kontra il-vizzji. Sar qbil li ser jattendu is-Sindku Kevin Cauchi u Kunsillier Stephen Mercieca.

25.4.2 Is-Sindku rrefera wkoll għall-Plenarja li ser tittella' mill-Assoċjazzjoni nhar is-Sibt, 27 ta' Ġunju, ġewwa s-sala Olympia li tinsab fil-lukanda DoubleTree by Hilton ġewwa San Pawl il-Baħar. Sar qbil li għal din il-Plenarja ser jattendu is-Sindku Kevin Cauchi u Kunsillier Stephen Mercieca.

25.4.3 Is-Sindku għamel referenza għall- problema kbira li għandna bit-tbattil tal-bins u boroż taż-żibel suwed li qed jintefaw fihom. Konna strumentali li nżidu ħafna bins iżda qed inbatu l-konsegwenzi għax anke qed jitfgħu l-iskart domestiku (borza s-sewda) ġo fihom b'mod specjali dak il-bin ta' quddiem l-MCAST. Il-Kunsill iddeċieda li jitneħħew it-tnejn ta' quddiem il-każini għax kien qed jimtela' bl-iskart domestiku u jitneħħa dak ukoll ta' quddiem l-MCAST minħabba l-użu ħażin tiegħu.

25.4.4 Is-Sindku għamel ukoll referenza għall-attivita' tat tħawwil tal-65 siġra f'Ta' Passi bħala waħda li kienet suċċess u edukattiva. Grazzi kbira lil kull min ta s-sehem tiegħu speċjalment l-isponsors tal-attivita' u lill-NGO Sigar. Il-bidwi Abraham Scicluna ser jiehu ħsieb jsaqqi dawn is-siġar.

25.4.5 Is-Sindku rrefera wkoll għall-WorldCup Village f'Ta' Passi qed jintlaqa' tajjeb ħafna mir-residenti u barranin u qed jkun hemm attendenza tajba ħafna. L-attivita' qed tiġi organizzata minn Għajnsielem FC u Għaqda Armar. Qed isiru xandiriet fuq it-TVM. Qed ikun hemm problema bl-iskart ġenerat u kif ser jintrema iżda din il-problema ser jittrattawha l-għaqdiet infushom.

25.4.6 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel ukoll referenza għall- kampanja li saret mill-Kunsill tagħna sabiex jiġu addotati papri u tiġieġ minn Ta' Passi għaliex ma jagħmilx sens li jinżammu kwanitat kbira fid-dawl ta' nuqqas ta riżorsi. Kellna rispons tajjeb ħafna u kull min ħa papri jew tiġieġ ġie mitlub jiffirma dikjarazzjoni li se jkun qed jieħu ħsiebhom filwaqt li ġew mitluba fejn se jinżammu.

25.4.7 Is-Sindku rrefera għat-talba mill-Għaqda Voice for Inclusion fejn talbuna li għal sajf sħiħ biex inwasslu xi studenti b'dizabilita' minn Għajnsielem biex fis-sajf imorru l-iskola tad-diżabilita f'Sannat. Sar qbil li għandna nipprovdulhom t-trasport permezz tal-ħaddiema tagħna. Is-Sindku japprezza li jekk tinqala' emerġenza fejn ikun jinħtieġ sewwieq, tajjeb li l-kunsilliera, nkluż hu, jkunu committed li jagħtu s-sehem tagħhom meta meħtieġ.

25.4.8 Is-Sindku rringrazzja lill-Kunsillier Teddy Saliba li f'isem l-Għaqda AFDA, rregalaw tlett wheelchairs lill-Kunsill Lokali tagħna għall-użu ta' min ikollu bzonnhom.

25.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

25.5.1 Il-Kunsillier Larry Buttigieg faħħar lill-Għajnsielem FC u l-Għaqda Armar tal-attitiva' li organizzaw bħala World Cup Village fl-area Ta' Passi u dan huwa prova ċara ta' x'potenzjal kbir joffri dan il-post għall-attivitajiet matul is-sena kollha. Huwa propona li nitolbu lill-Ministeru għal Għawdex biex jipprovdi mobile toilets għax biex xieraq li jkun hemm Public Toilets.

25.5.2 Il-Kunsillier Larry Buttigieg għamel referenza għall-organizzazzjoni tat- tigrija taż-żwiemel u li mxejna billi giet sottomessa l-applikazzjoni għal fondi mill-Cultural Fund tal-Ministeru għal Għawdex mill-Ghaqda Piroteknika Ghajnsielem li huma l-organizzaturi ta' din it-tiġrija. L-unika issue li fadal hija jekk issirx kmieni filgħodu jew filgħaxija li ovjament jirrekjedi l-ispejjes tad-dawl. Pero din il-materja qed tiġi trattata mill-organizzaturi.

25.5.3 Il-kunsillier Stephen Mercieca talab sabiex il-ħaddiema jaqtgħu l-ħaxix ta' Lourdes u biex jinżabru s-siġar ta quddiem il-bankijiet.

25.5.4 Il-kunsillier Stephen Mercieca fakkar rigward il-ħtieġa ta' qtugħ tal-ħaxix fi triq tal-Heliport.

25.5.5 Il-kunsillier Stephen Mercieca talab sabiex issir bozza ġdida fi Triq Provigarju u li għandu l-konferma tas-sid. Talab ukoll sabiex isir fanal għal Fuq il-Għajn.

25.5.6 Il-kunsillier Stephen Mercieca għamel referenza għat-tqaxxir li sar lil-Frame u propona li x-xogħol isir bil-ħaddiema tagħna.

25.5.7 Il-kunsillier Teddy Saliba fakkar sabiex isir il-ħlas lill-Ghaqda Ħbieb tal-Presepju għall-organizzazzjoni tal-wirja, liema skema ġiet iffinanzjata mir-Reġjun Għawdex.

25.5.8 Is-Sindku fakkar li bħala parti minn iljieli Sajfin inxtraw 25 mejda sabiex jintużaw waqt kull attivita' sabiex nevitaw l-ispejjes kbar tal-kera tagħhom. Dawn jistgħu jibbenifikaw minnhom ukoll l-NGOs lokali. Sar qbil li sena oħra nixtru wkoll siġġijiet għal dan l-istess użu.

25.5.9 Il-kunsillier Teddy Saliba għamel referenza għal karozza li hemm fi Triq Malta. Il-liċenzja tinsab skaduta u minkejja li qed jingħataw iċ-ċitazzjoni baqgħet hemm. Ser jitpoġġew sticker fuqha u wara xi jiem jekk ma titħarrikx tista titneħħa.

25.6 Korrispondenza

25.6.1 Saret referenza għat-talba li rċevejna mingħand Transport Malta sabiex temporanjament tiġi rilokata il-bus stop ta' ħdejn Dirjanu Supermarket aktar l-isfel faċċata tal-Gozo Press. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta li ssir bejn iż-żewġt idjar.

25.6.2 Ġiet trattata ittra mingħand ir-Redcoats Għajnsielem fen talbu l-għajnuna finanzjarja tal-Kunsill sabiex iħallsu parti mit-trasport lejn l-ajruport għat-tournament

internazzjonali. Il-Kunsill qabel li għandu joffri lil din l-Ghaqda li jieħdu ħsieb il-popcorn machine waqt il-Cocomelon Night u l-qliegħ li jagħmlu minnha jmur għall-għaqda tagħhom.

25.6.3 Ġiet trattata wkoll it-talba tal-Għaqda Hbieb tal-Presepji Għajnsielem għas- Summer Convenium . Sar qbil li din l-attivita' nternazzjonali ġiet inkluża fil-programm ta' Iljieli Sajfin u għalhekk ser jingħataw għajnuna għall-organizazzjoni ta' din l-attivita' mill-iskema li ħadna għall-iljieli sajfin.

25.6.4 Ġie trattat ukoll il- kont mir-RUST għall-lezzjonijiet tal-BMX. Sar qbil li minħabba problemi finanzjarji kontra qalbna ser ikollna inwaqqfu l-lezzjonijiet. Ġie propost li nitolbu lir-RUST sabiex Il-lezzjonijiet jibdew isiru bi ħlas.

25.6.5 Ġiet trattata l-email mingħand Johan Haber fejn ikkonfermaw li l-għażla tagħhom sabiex tinżamm it-tiġrija waqgħet fuq it-Triq tal-Qala bejn iż-żewġ impjanti.

25.7 Iljieli Sajfin

25.7.1 Is-Sindku spjega kif il-programm jinsab lest, printjat u mqassam fid-djar t'Għajnsielem permezz tal-bulletin. Ser ikollna aktar minn 50 attivita' organizzata mil-Kunsill tagħna, l-għaqdiet tar-raħal, parokċa u Ministeru għal Għawdex.

25.7.2 Spjega wkoll kif li jonqos jiġi konkluz huwa l-programm ta' GħajnsielemFest. Bħala mistieden speċjali sar qbil li għandna nippruvaw inġibu lil Kevin Paul. Sar qbil li bħala kantanti lokali ma' ngħaddux ħlas għall-parteċipazzjoni tagħhom iżda jsir ġbir għal Dar Bjorn.

25.7.3 Is-Sindku spjega kif diversi attivitajiet huma suġġett għal fondi minn skemi ta-Gvern Ċentrali

Il-Kunsill se jingħata mid-Direttorat tal-Kultura. Ghall- Echoes from the Sea ser ninghataw €7,000, għal Cocomelon Night €2,000, u GħajnsielemFest €1500, lkoll mill-Ministeru ghal Għawdex. Ir-Reġjun Għawdex ser jisponsorja l-attivita' Lejla Maltija taħt il-Kunvent il-Kunsill billi se jagħti €5,000 u mid-Dipartment tal-Kunsilli Lokali se ningħataw €20,000 fuq l-attivitajiet kollha ta' Iljieli Sajfin.

25.7.4 Sar qbil li kemm jista jkun għandna nassiguraw li ma naqbżu l-ebda budget allokat għal dawn l-attivitajiet.

25.8 Festa 2026

25.8.1 Is-Sindku għamel referenza għall-akbar spiża li qed taffetwa lill-Kunsill fil-jiem tal-festa, dik tat-tindif. Huwa rrefera għall-ispiża li ġbarna mingħand Sultech Ltd li tammonta għall-€12,000. Din l-ispiza hija kbira ħafna u għalhekk sar qbil li għandna niġbru aktar stimi.

25.8.2 Sar qbil ukoll li għandna nimplikaw fee żghira fuq il-kiosks tal-ikel anke fir-rigward li nipprovdulhom is-seated dining area u għalhekk ikun qed jikkontribwixxu xi ftit għall-ispejjes konnessi mat-tindif ta' din l-area.

25.9 Update dwar il-Proġetti

Ingħatat update tal-proġetti mis-Sindku Kevin Cauchi kif ġej:-

25.7.1 **Triq Hamri**

- Qed nistennew mill-kuntrattur għat-tieni saff.

25.7.2 **Proġett ta' Bollards, pavimentar u illuminazzjoni quddiem il-każini.**

- Qed jigi ippjanat sabiex ix-xogħol jinbeda qabel is-sajf

25.7.4 **Proġett Water Catchment Pjazza tad-Dehra**

Ix-xogħol minn Road Construction waqaf sakemm jinħieġu fondi mill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar biex tissewwa it-tunnel biswit il-gibja. Il-kuntrattur qal li ser ikompli l-ġimgħa d-dieħla.

Ix-xogħol fuq it-taraġ ta Fuq il-Għajn miexi tajjeb fejn il-hardstone travertine tpoġġa u planters lesti u corten steel se jitwaħħal fil-ġranet li jmiss.

25.7.5 **Proġett Playingfield Amabile Cauchi**

- Ġiet diskussa l-variation li nqalgħet kif deskritta mill-perit tal-progett Godwin Sultana ibbażata fuq il-ħtieġa ta' piling wara li beda l-iskavar tal-ġibjun, it terren irriżulta li jinħtieg li jsir piling works.
- Il-Management ta' Project Green huma notifikati b'din il-varjazzjoni li nqalghet u lesti li jiffinanzjaw l-ispejjes kollha nvoluti. Din il-varjazzjoni li ntelghet għall-ispiza ta' €115,007.75
- Ser tigi preżentata talba tal-Variation Approval lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għall-approvazzjoni.

25.7.6 **Bini Arkata**

- Tnaddaf il-wied u fil-ġranet li jmiss se tinbena l-istruttura sabiex jkun jista jitkejjel u jitfassal ix-xogħol tal-ġebel.

25.7.7 **Tisqifa daħla tal-Iskola u Tkabbir tat-terrazin**

- L-applikazzjoni mal-Awtorita tal-lppjanar ġiet sottomoessa.
- Qed nistennew mill-Lands 'No objection'

25.7.8 **Ġnien quddiem il-Kunsill**

- Xogħol ta restawr tal-Monument Vittmi gwerra huwa lest. Għalissa m hemx ippjanati aktar intereventi sakemm jigi diskuss kif se jiġi ffinanzjajt il-bqija ta progett kollu u jekk hux se jkun hemm htiega li nitolbu li l-fondi jigu trasferiti fuq progetti ohra relatati.

25.7.9 **Tisbiħ madwar il-Kappella ta' Lourdes**

- Ix-xogħol mistenni jibda fil-gimgħat li jmiss u bħalissa qed nistennew is-samples tal-rħam

25.8 Approvazzjoni tal-Pagamenti

25.8.1 Ġiet preżentata l-iskeda tal-pagamenti numru : 154 u ġew approvati.

25.9 Materji oħra

25.9.1 Saret referenza għad-deċiżjoni preċedenti dwar l-iskema SPI/SCI/5/2026.Ġie nnutat li, peress li l-Kunsill huwa meħtieġ jikkontribwixxi 15% tal-ispiża totali, l-ispiża involuta trid tinqata' minħabba restrizzjonijiet finanzjarji. Għaldaqstant, is-Sindku ppropona li—minflok ma ssir applikazzjoni għall-proġett ta' tisbiħ fi Triq il-Ħamri u stallazzjoni ta' pannelli fotovoltajċi fuq il-Boċċi Pitch u l-Uffiċċju tal-Kunsill—l-applikazzjoni ssir biss għall-pannelli fuq l-Uffiċċji tal-Kunsill. Dan bl-għan li l-Kunsill jiffranka mill-kontijiet tad-dawl u l-ilma. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

24.9 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

24.9.1 Il-laqgħa ntemmet fl-4:30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 27 ta' Lulju 2026 fin-2:30 ta' wara nofsinhar.

Kevin Cauchi
Sindku

Lucienne Haber
Segretarju Eżekuttiv